

Rakkomandazzjonijiet



Rakkomandazzjonijiet 1/2025 dwar il-Kodiċi Dinji tal-WADA Kontra d-Doping tal-2027

Adottati fil-11 ta' Frar 2025

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Sommarju Eżekuttiv

Permezz ta' ittra tat-2 ta' Ottubru 2024¹, il-Kummissjoni Ewropea (id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġġ, l-Isport u l-Kultura) talbet lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("EDPB", European Data Protection Board) skont l-Art. 70(1)(e) tal-GDPR biex jeżamina l-aġġornament attwali tal-Kodiċi Dinji Kontra d-Doping (minn hawn 'il quddiem il-"Kodiċi") u l-Istandards Internazzjonali komplementari tiegħu (minn hawn 'il quddiem il-"Istandards") sabiex jivvaluta l-konformità tagħhom mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ("GDPR", General Data Protection Regulation). Fl-2023, l-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (minn hawn 'il quddiem "WADA", World Anti-Doping Association) nediet reviżjoni tal-Kodiċi u tal-Istandards tiegħu, li għandha tiġi konkluża sa Diċembru 2025, u li għandha tidħol fis-seħħ f'Jannar 2027. Il-Kodiċi għandu l-għan li jarmonizza l-politiki, ir-regoli u r-regolamenti kontra d-doping b'mod internazzjonali u huwa kkomplementat minn tmien Standards Internazzjonali bl-oġettiv li titrawwem il-konsistenza fost il-programmi kontra d-doping li huma implimentati b'mod prinċipali permezz tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali Kontra d-Doping (minn hawn 'il quddiem "(N)ADOs", National Anti-Doping Organisations). It-tmien Standards Internazzjonali jirreferu għall-aspetti li ġejjin: il-protezzjoni tad-data; l-edukazzjoni; l-intelligence u l-investigazzjonijiet; il-laboratorji; l-immaniġġjar tar-riżultati; l-ittestjar; l-eżenzjonijiet għall-użu terapewtiku; u l-konformità.

L-EDPB u l-predeċessur tiegħu, il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 (minn hawn 'il quddiem id-"WP tal-Art. 29", Working Party), segwew b'attenzjoni l-attivitajiet tal-WADA maż-żmien, meta rrieżaminaw verżjoni preċedenti tal-Kodiċi u l-Istandards tiegħu. Id-WP tal-Art. 29 adotta żewġ Opinjonijiet fl-2008² u fl-2009³ dwar ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u l-Istandards Internazzjonali tiegħu. Sussegwentement, fl-2013, id-WP tal-Art. 29 bagħat ittra lill-WADA⁴ li kien fiha għadd ta' osservazzjonijiet u tħassib dwar l-aġġornament ta' dawn id-dokumenti. Fl-aħħar nett, fl-2019, l-EDPB ipprova l-kummenti tiegħu dwar il-proċess ta' reviżjoni (li dak iż-żmien kien għadu għaddej) tal-Kodiċi u l-Istandards tiegħu f'ittra indirizzata lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE⁵.

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, Talba għal eżami tal-abbozz rivedut tal-Kodiċi Dinji Kontra d-Doping u l-Istandards rilevanti li jirreferu għall-protezzjoni tad-data (Ref. Ares (2024)7027092 - 03/10/2024)

² WP tal-Art. 29, Opinjoni 3/2008 dwar l-Abbozz ta' Standard Internazzjonali tal-Kodiċi Dinji Kontra d-Doping għall-Protezzjoni tal-Privatezza, adottata fl-1 ta' Awwissu 2008, WP 156.

³ WP tal-Art. 29, Opinjoni 4/2009 dwar l-Istandard Internazzjonali tal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA) għall-Protezzjoni tal-Privatezza u l-Infurmazzjoni Personali, dwar dispożizzjonijiet relatati tal-Kodiċi tal-WADA u dwar kwistjonijiet oħra ta' privatezza fil-kuntest tal-ġlieda kontra d-doping fl-isport mill-WADA u organizzazzjonijiet (nazzjonali) kontra d-doping adottata fis-6 ta' April 2009, WP 162.

⁴ Ittra mibgħuta mill-President tad-WP tal-Art. 29 lill-WADA fil-5 ta' Marzu 2013 u l-Anness tagħha (Ref. Ares (2013)289160 - 05/03/2013).

⁵ Ittra mibgħuta mill-President tal-EDPB lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE fid-9 ta' Ottubru 2019 (Ref: OUT2019-0035).

L-EDPB ifakkar li r-regoli tal-Kodiċi u l-Istandards tiegħu ġew trasposti mill-Istati Membri fl-ordni legali nazzjonali tagħhom, skont l-istruttura nazzjonali rispettiva tagħhom u l-organizzazzjoni tal-isport. Tabilħaqq, bħala firmatarji tal-Konvenzjoni Internazzjonali Kontra d-Doping tal-UNESCO tal-2005 u l-Konvenzjoni Kontra d-Doping tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Istati Membri jridu jaderixxu mal-impenji li jirriżultaw mir-ratifika ta' dawn il-konvenzjonijiet.

Kif iċċarat mill-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali fil-kawża C-115/22⁶, għalkemm il-Kodiċi huwa strument legali privat, l-effettività tiegħu hija żgurata mill-Konvenzjoni Internazzjonali Kontra d-Doping tal-UNESCO tal-2005. Skont l-Artikolu 4 tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi mhumix parti integrali mill-Konvenzjoni u ma għandhomx effett dirett fil-liġi nazzjonali. Madankollu, permezz tal-istess dispożizzjoni, l-Istati Membri, li huma Partijiet għall-Konvenzjoni, impenjaw ruħhom li jirrispettaw il-prinċipji tal-Kodiċi. Dak l-impenn huwa traspost fis-sistemi legali tal-Istati Membri b'modi differenti, peress li, kif speċifikat minn studju tal-2017 imwettaq għall-Kummissjoni Ewropea⁷, il-Kodiċi huwa legalment vinkolanti f'xi Stati Membri, iżda mhux f'oħrajn.

Fi kwalunkwe każ, l-EDPB ifakkar li meta l-Istati Membri jadottaw miżuri nazzjonali kontra d-doping, li jinkludu leġiżlazzjoni, regolamentazzjoni, politiki jew prattiki amministrattivi, abbażi tal-prinċipji tal-Kodiċi, huma jridu jiżguraw li dawk il-miżuri huma f'konformità mal-liġi taż-ŻEE, inkluż il-GDPR. Għalhekk, f'każ li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u l-Istandards Internazzjonali tiegħu mhumix f'konformità mal-GDPR, l-Istati Membri ma jistgħux jittrasponuhom kif inhuma f'miżuri nazzjonali kontra d-doping, mingħajr ma jiksru l-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-UE/taż-ŻEE u b'hekk jaffettwaw b'mod negattiv il-livell ta' protezzjoni ta' persuni fiżiċi fiż-ŻEE fir-rigward tad-data personali tagħhom⁸.

Barra minn hekk, il-programmi kontra d-doping jitwettqu b'mod prinċipali minn (N)ADOs, li huma fost il-firmatarji tal-Kodiċi. In-(N)ADOs iridu japplikaw miżuri kontra d-doping li l-Istati Membri jistabbilixxu f'konformità mal-impenji tagħhom skont il-Konvenzjoni Internazzjonali Kontra d-Doping u b'reazzjoni għall-aspettattivi mill-WADA. L-EDPB jenfasizza f'dan ir-rigward li fl-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali kontra d-doping, in-(N)ADOs bħala kontrolluri, huma responsabbli biex jipproċessaw id-data personali f'konformità mal-GDPR u, bħala awtoritajiet amministrattivi⁹ ma jridux japplikaw, jekk ikun meħtieġ, dawk ir-regoli nazzjonali kontra d-doping sa fejn dawn jistgħu jkunu kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tal-GDPR li

⁶ Ara l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Ċapeta li nġatat fl-14 ta' Settembru 2023 fil-Kawża C-115/22, ECLI:EU:C:2023:676, il-punt 5.

⁷ Antidoping u Protezzjoni tad-Data. Evalwazzjoni tal-liġijiet u l-prattiki kontra d-doping fl-Istati Membri tal-UE fid-dawl tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, Studju mwettaq għall-Kummissjoni Ewropea mit-Tilburg Institute for Law, Technology and Society tal-Università ta' Tilburg u Spark Legal, il-Lussemburgu, 2017

⁸ Ara għal dak il-ġhan: Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2008, il-Kawża Magħquda C-402/05 P u C-415/05 P, *Al Barakaat*, ECLI:EU:C:2008:461, il-unti 281-285.

⁹ Skont l-istudju tal-2017 imwettaq għall-Kummissjoni Ewropea msemmi fin-nota 8 f'qiegħ il-paġna ta' hawn fuq, il-maġġoranza tan-(N)ADOs huma korpi pubbliċi, normalment stabbiliti bil-liġi jew mill-gvern.

għandhom effett dirett¹⁰. Għalhekk, l-Istati Membri, meta jimplimentaw leġiżlazzjoni, regolamentazzjoni, politiki jew Prattiki amministrattivi nazzjonali kontra d-doping, għandhom jivvalutaw bir-reqqa jekk id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u l-Istandards Internazzjonali tiegħu li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali humiex kompatibbli mal-GDPR sabiex jiġi evitat ukoll ksur possibbli tal-liġi taż-ŻEE minn (N)ADOs, u kwalunkwe esponiment għall-azzjonijiet korrettivi u s-sanzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni tad-data.

Fir-Rakkomandazzjonijiet tiegħu, l-EDPB jaqsam xi punti ta' tħassib mal-Kummissjoni Ewropea rigward l-aspetti prinċipali tar-reviżjoni attwali tal-Kodiċi u l-Istandards tiegħu li mhumix f'konformità mal-GDPR, u b'hekk jaffettwaw b'mod negattiv l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi fiż-ŻEE, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tagħhom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. L-EDPB se jiffoka fuq l-aktar kwistjonijiet importanti u fuq il-kunċetti l-ġodda introdotti mill-WADA fl-Istandard Internazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem "ISDP", International Standard for Data Protection), kif imsemmi fit-talba tal-Kummissjoni Ewropea u se jirreferi għall-ittra tagħha tal-2019 għal aspetti li huma relatati mas-sejbiet preċedenti tiegħu. Anke jekk ma jissemmewx id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-Istandards l-oħra li jikkomplementaw il-Kodiċi, dawn għandhom jitqiesu li ssemmew f'dawn ir-Rakkomandazzjonijiet peress li r-rimarki tal-EDPB xorta jistgħu japplikaw għalihom.

L-EDPB jilqa' l-bidliet u l-progress li saru fil-Kodiċi u fl-Istandards Internazzjonali tiegħu, filwaqt li jinnota li xi wħud mill-kwistjonijiet imsemmija fl-ittra tal-EDPB tad-9 ta' Ottubru 2019 ġew solvuti b'suċċess, bħall-istabbiliment ta' skadenza aktar stretta għan-notifika ta' ksur ta' sigurtà, u r-rekwiżit li titwettag valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data qabel l-ipproċessar minħabba l-prinċipju ta' privatezza mid-disinn li għadu kif ġie introdott¹¹.

L-EDPB jilqa' ż-żieda tal-Istandards Internazzjonali għall-Intelligence u l-Investigazzjonijiet (minn hawn 'il quddiem l-"ISII"), bħala parti mill-istandards ġenerali tal-WADA, peress li l-ipproċessar tad-data personali għal skopijiet investigattivi huwa attività ewlenija tan-(N)ADOs.

Madankollu, l-EDPB jinnota li sfortunatament ċerti kwistjonijiet ewlenin ma ġewx ikkunsidrati meta ġew riveduti l-Kodiċi u l-Istandards tiegħu. B'mod partikolari, l-EDPB għadu jqajjem dubji dwar il-konformità mal-GDPR fir-rigward tal-bażi legali tal-kunsens prevista mill-ISDP, peress li f'konformità mal-Artikoli 5(1)(a), 6(1)(a), 7, 9(2)(a) tal-GDPR, il-kunsens irid jingħata b'mod liberu, u r-rifjut li jingħata l-kunsens, jew l-irtirar tiegħu, jistgħu jitqiesu li għandhom eżitu detrimental jew negattiv għas-suġġett tad-data.

Barra minn hekk, l-EDPB jinnota li l-iskopijiet għal ċerti attivitajiet ta' pproċessar jibqgħu vagi. Il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, skont l-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR, jirrikjedi li d-data

¹⁰ Ara fl-aħħar nett u *mutatis mutandis*, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Mejju 2024, *NADA e.a.*, C-115/22, ECLI:EU:C:2024:384, il-punt 55.

¹¹ Ara t-Taqsimiet 5.1 u 10.4 tal-ISDP.

personali tiġi pproċessata biss għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi. Konsegwenza ta' dan, hija li l-perjodi ta' żamma korrispondenti għad-data personali ma għandhomx ġustifikazzjoni ċara.

L-EDPB jinnota li r-rwoli tal-WADA u tan-(N)ADOs fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar tad-data, b'mod partikolari fil-bażi tad-data tas-Sistema ta' Amministrazzjoni u ta' Ġestjoni Kontra d-Doping (minn hawn 'il quddiem "ADAMS") għadhom mhux ċari. Dan mhux biss jaffettwa kif jiġu assenjati u mmaniġġjati r-responsabbiltajiet tal-protezzjoni tad-data, iżda għandu wkoll impatt fuq it-trasparenza, ir-responsabbiltà, u l-kapaċità tas-suġġetti tad-data li jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom.

Barra minn hekk, in-natura legalment vinkolanti tal-Kodiċi għal dawk il-korpi li ssieħbu fih għandha tkun ċara b'mod espliċitu. Barra minn hekk, l-użu mill-ġdid ta' kampjuni, u data personali inkluż data dwar is-saħħa għandhom ikunu soġġetti għal salvagwardji xierqa biex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data. Barra minn hekk, l-iskopijiet biex jiġu analizzati l-kampjuni bijoloġiċi għandhom jiġu identifikati b'mod aktar preċiż.

Is-salvagwardji previsti fl-ipproċessar kollu tad-data skont il-Kodiċi għandhom ikunu ekwivalenti għall-istandard meħtieġ mid-dritt għall-protezzjoni tad-data kif minqas fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-GDPR. Għalkemm l-EDPB jifhem li l-Kodiċi jkopri l-flussi internazzjonali tad-data, id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli li joffru livell aktar baxx ta' protezzjoni tad-data ma għandhomx jimminaw is-salvagwardji previsti mill-Kodiċi u l-Istandards.

L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tteġġeg lill-WADA tinkorpora l-feedback tal-EDPB biex il-Kodiċi tagħha jsir Standard globali tal-ipproċessar tad-data f'konformità mal-ogħla livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi kollha kkonċernati.

Werrej

1. Kamp ta' applikazzjoni u n-natura legalment vinkolanti tal-Kodiċi.....	7
2. Kjarifika tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-kontrollur u tal-proċessur tad-data.....	8
3. Identifikazzjoni tal-bażijiet legali xierqa.....	9
4. Żgurar li d-data hija pproċessata għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi.....	10
5. Rekwiżit ta' salvagwardji addizzjonali meta tiġi kondiviża Data Personali ma' partijiet terzi	13
6. Divulgazzjoni Pubblika ta' Ksur Kontra d-Doping	15
7. Definizzjoni ta' perjodi speċifiċi ta' żamma, limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb kull Skop.....	16
8. Għoti ta' aktar direzzjonijiet biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn mill-organizzazzjonijiet	18
10. Kjarifika tar-rwol tal-Persuna maħtura bħala responsabbli għall-konformità mal-liġijiet applikabbli kollha dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.....	19
11. Żgurar tal-effettività tad-Drittijiet tas-Suġġett tad-Data	20

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹²,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

1. Kamp ta' applikazzjoni u n-natura legalment vinkolanti tal-Kodiċi

1. L-EDPB isib li t-tħassib espress fl-ittra tiegħu tal-2019 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi, b'mod partikolari d-diskrezzjoni għan-(N)ADOs li jestendu l-applikabbiltà tar-regoli kontra d-doping għall-atleti rikreattivi, u b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi, jibqa' validu¹³. F'dan ir-rigward, l-EDPB itenni li, fid-dawl tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tan-neċessità u tal-minimizzazzjoni tad-data, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi u tal-Istandards Internazzjonali tiegħu għall-atleti fuq livell rikreattiv (jiġifieri dawk li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet sportivi rikreattivi iżda mhux f'kompetizzjoni formali) tikkostitwixxi interferenza sproporzjonata mad-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni kkonċernati.
2. Barra minn hekk, skont it-Taqsimiet 1.0 u 4.0, l-ISDP stabbilixxa biss "sett minimu u komuni ta' regoli", li jridu jikkonformaw magħhom in-(N)ADOs u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra meta jipproċessaw id-data personali skont il-Kodiċi. F'dan ir-rigward, it-Taqsima 4.1 tal-ISDP tiċċara li n-(N)ADOs kollha jridu jikkonformaw ma' dan l-Istandard Internazzjonali, anke meta r-rekwiżiti tiegħu jaqbżu dawk li jirriżultaw mil-liġijiet applikabbli tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data u/jew il-privatezza. It-Taqsima 4.2 tal-ISDP tispeċifika wkoll li, fejn in-(N)ADOs huma soġġetti għal liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, jew liġijiet oħra dwar l-ipproċessar tad-data personali li jimponu rekwiżiti li jaqbżu dawk li jirriżultaw skont l-ISDP, huma jridu jiżguraw li l-ipproċessar tad-data tagħhom jikkonforma ma' tali protezzjoni tad-data u privatezza jew liġijiet applikabbli. L-EDPB jilqa' dawn id-dispożizzjonijiet, peress li jidhru li jimplikaw li fejn il-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data u/jew il-privatezza ma jeżistux jew joffru livell relattivament aktar baxx ta' protezzjoni għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kkonċernati fir-rigward tad-data personali

¹² Referenzi għal "Stati Membri" li jsiru tul dan id-dokument għandhom jinftehemu bħala referenzi għal "Stati Membri taż-ŻEE".

¹³ Ara l-Anness għall-Ittra mibgħuta mill-President tal-EDPB lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE fid-9 ta' Ottubru 2019 (Ref: OUT2019-0035), il-paġna 3.

tagħhom, dawn is-salvagwardji se jieħdu preċedenza u ma jimminawx l-applikazzjoni tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data u tal-privatezza, jew liġijiet oħra li jirregolaw l-ipproċessar li jistabbilixxu livell ogħla ta' protezzjoni tad-data personali, bħall-GDPR.

3. Madankollu, l-EDPB jisħaq li mhux dejjem jidher faċli li jiġi ddeterminat jekk ir-rekwiżiti tal-ISDP jaqbżux jew le dawk tal-liġi nazzjonali applikabbli. Kif imsemmi fil-korrispondenza preċedenti tiegħu, l-EDPB huwa ferm favur il-promozzjoni tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali fil-kuntest tal-attivitajiet kontra d-doping, kif rifless fl-Istandard. Madankollu, l-EDPB jistaqsi jekk hux se jkun possibbli li jiġu applikati t-Taqsimiet 4.1 u 4.2 tal-ISDP minn perspettiva strettament legali, speċjalment meta l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ISDP twassal biex in-(N)ADOs jiksru l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mil-liġijiet applikabbli. Bl-istess mod, l-EDPB jiddubita l-effettività tat-Taqsima 4.2 fejn l-applikazzjoni tas-salvagwardji ogħla previsti mil-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, jew liġijiet oħra li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali tesponi lin-(N)ADOs għall-konsegwenzi stabbiliti mit-Taqsima 24.1.12 tal-Kodiċi għan-nuqqas ta' konformità mal-Kodiċi u/jew mal-Istandards Internazzjonali tiegħu. Barra minn hekk, il-fatt li l-Istati Membri jew in-(N)ADOs jitħallew jagħżlu r-regolament applikabbli jista' jwassal għal inugwaljanza fit-trattamenti bejn l-atleti u persuni oħra kkonċernati.
4. Barra minn hekk, l-EDPB jinnota li sfortunatament il-Kodiċi u l-ISDP għandhom diversi eċċezzjonijiet mis-salvagwardji pprovduti biex jiġi protett id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data li fil-prattika jippermettu l-applikazzjoni ta' standards aktar baxxi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Pereżempju, fir-rigward tal-perjodi ta' żamma, it-Taqsimiet 11.4 u 11.5 tal-ISDP u l-Anness A tiegħu, kif ukoll fir-rigward tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, it-Taqsima 6.2 tal-ISDP. L-EDPB jirrakkomanda li tiġi limitata kwalunkwe devjazzjoni possibbli mis-salvagwardji previsti mill-ISDP sal-punt meħtieġ għal objettivi speċifiċi u importanti ta' interess pubbliku u li l-ambitu tal-eċċezzjonijiet jiġi mfassal f'termini aktar stretti. B'dak il-mod, in-(N)ADOs jistgħu jinvokaw l-eċċezzjoni biss meta tkun proporzjonata mal-għan segwit fir-rigward tal-essenza tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data u jimplimentaw miżuri xierqa u speċifiċi biex jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali u l-interessi tal-persuni kkonċernati.

2. Kjarifika tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-kontrollur u tal-proċessur tad-data

5. Bl-istess mod kif innota l-EDPB fl-Itra tiegħu tal-2019¹⁴, u fid-dawl tat-Tieni Opinjoni 4/2009 tad-WP tal-Art. 29¹⁵, l-aħħar verżjoni tal-Kodiċi u l-Istandards għad għandhom nuqqas ta' referenzi għar-rwoli tal-kontrollur tad-data u tal-proċessur tad-data għal attivitajiet speċifiċi ta' pproċessar. Din il-kwistjoni hija kruċjali minħabba li taffettwa kif jiġu assenjati u mmaniġġjati r-responsabbiltajiet tal-protezzjoni tad-data, li huwa rilevanti

¹⁴ Itra mibgħuta mill-President tal-EDPB lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE fid-9 ta' Ottubru 2019 (Ref: OUT2019-0035).

¹⁵ Opinjoni 4/2009 dwar l-Istandard Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Privatezza u l-Informazzjoni Personali tal-Aġenzija Dinjija Kontra d-Doping (WADA), dwar dispożizzjonijiet relatati tal-Kodiċi WADA u dwar kwistjonijiet oħra ta' privatezza fil-kuntest tal-għieda kontra d-doping fl-isport mill-WADA u organizzazzjonijiet (nazzjonali) ta' kontra d-doping, adottata fis-6 ta' April 2009, WP 162.

b'mod partikolari għal entitajiet mhux taż-ŻEE li jaġixxu bħala kontrolluri tad-data fiż-ŻEE jew dawk li jiġbru data minn individwi li jinsabu fiż-ŻEE¹⁶.

6. L-EDPB jifhem li r-rekords tal-ipproċessar tad-data għal attivitajiet kontra d-doping fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi li n-(N)ADOs iridu jżommu, skont it-Taqsima 5.2 tal-ISDP, jistgħu jitqiesu bħala verżjoni simplifikata tar-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar meħtieġa skont l-Artikolu 30 tal-GDPR. Madankollu, għall-kuntrarju tal-Artikolu 30(1)(b) tal-GDPR, li jirrikjedi dokumentazzjoni speċifika tal-iskopijiet, l-ISDP jirrikjedi biss dokumentazzjoni tal-iskop "*ġenerali*" tal-ipproċessar, li mbagħad jista' ma jkunx definit biżżejjed. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li t-Taqsima 5.2 tal-ISDP tiġi emendata kif xieraq.**
7. Fil-kumment dwar it-Taqsima 5.2(a), l-ISDP jistipula li n-(N)ADOs huma meħtieġa jżommu rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom. Barra minn hekk, fir-rigward tal-bażi tad-data tal-ADAMS amministrata mill-WADA, il-WADA għandha iżomm u tipprovdi aċċess għad-dokumentazzjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-data fil-bażi tad-data tal-ADAMS. Madankollu, ir-rwoli speċifiċi tan-(N)ADOs u tal-WADA (jiġifieri l-kontrollur, il-kontrolluri konġunti, il-proċessur) b'rabta mal-bażi tad-data u għal kull attività ta' pproċessar fiha mhumieq definiti b'mod ċar.
8. **Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPB jirrakkomanda li l-ISDP jinkludi rekwiżit għall-organizzazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi biex jidentifikaw ir-rwol tagħhom, li jikkorrispondi għal dak tal-GDPR għal kull attività ta' pproċessar, b'mod partikolari fir-rigward tal-bażi tad-data tal-ADAMS, li jispeċifika jekk humieq kontrollur, proċessur, jew kontrollur konġunt.**
9. Barra minn hekk, ir-rekords li għandhom jinżammu min-(N)ADOs skont it-Taqsima 5.2 tal-ISDP bħalissa ma jinkludux il-flussi kollha tad-data, bħat-trasferimenti internazzjonali potenzjali. Sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 30(1)(a), (e) u (f) tal-GDPR, ir-rekords iridu jinkludu l-perjodi ta' żamma korrispondenti, il-kontrollur għal kull attività ta' pproċessar, u informazzjoni dwar kwalunkwe trasferiment internazzjonali potenzjali. **L-EDPB jirrakkomanda li r-rekords skont it-Taqsima 5.2 tal-ISDP jiġu emendati kif xieraq, u li jiġi żgurat li r-rekords jinkludu l-attivitajiet kollha ta' pproċessar tad-data inkluż dawk li jistgħu jiġu previsti fi Standards oħra tal-WADA.**

3. Identifikazzjoni tal-bażijiet legali xierqa

10. Barra minn hekk, l-EDPB għandu tħassib dwar jekk xi wħud mill-bażijiet legali għall-attivitajiet ta' pproċessar previsti mit-Taqsima 7.0 tal-ISDP jistgħux jitqiesu validi.
11. L-ewwel nett, l-EDPB jissottolinja li l-kunsens kif deskritt fit-Taqsima 7.2 tal-ISDP ma jistax jitqies bħala "mogħti b'mod liberu" f'konformità mal-Artikoli 6(1)(a), 7 u 9(2)(a) tal-GDPR

¹⁶ Skont l-Artikolu 3 tal-GDPR (Kamp ta' Applikazzjoni Territorjali), ir-Regolament japplika għall-ipproċessar ta' data personali ta' suġġetti tad-data li jinsabu fl-Unjoni minn kontrollur jew proċessur mhux stabbilit fl-Unjoni, fejn l-attivitajiet ta' pproċessar huma relatati mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom sa fejn l-imġiba tagħhom isseħħ fl-Unjoni.

u għalhekk, jiddubita jekk il-kunsens jistax jintuża bħala bażi legali valida min-(N)ADOs għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kunsens jista' jkun bażi legali xierqa biss jekk suġġett tad-data jingħata għażla ġenwina fir-rigward tal-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-termini offruti, mingħajr detriment. L-EDPB jinnota li skont it-Taqsima 7.2(a) tal-ISDP, jistgħu jinħolqu konsegwenzi negattivi għall-individwi għax jirrifjutaw li jagħtu l-kunsens għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom, li ma jallinjax mar-rekwiżiti għall-kunsens fil-GDPR. Barra minn hekk, l-EDPB jinnota li billi sempliċiment l-individwi jiġu informati dwar tali konsegwenzi negattivi kif issuġġerit fit-Taqsima 7.2(a) tal-ISDP, dan ma jagħmilx il-kunsens validu.

12. F'dan ir-rigward, l-EDPB jişhaq li l-kunsens irid jissodisfa rekwiżiti ulterjuri minn dawk imsemmija fl-ISDP, inkluż li jiġi żgurat li s-suġġetti tad-data jkunu jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom b'mod li jkun faċli daqskemm biex jagħtuh. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li l-Kodiċi u l-ISDP għandhom jeskludu l-użu tal-kunsens bħala bażi legali, sakemm ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-GDPR.**
13. It-tieni, l-EDPB jiddubita l-ħtieġa li jintuża interess vitali bħala bażi legali valida, kif deskritt fit-Taqsima 7.1 tal-ISDP. Il-kunċett ta' interess vitali huwa interpretat b'mod restrittiv ħafna u għandu ambitu limitat ħafna skont il-GDPR. Jista' jintuża biss għal każijiet limitati u speċifiċi, bħall-protezzjoni tal-ħajja ta' xi ħadd f'emerġenza. Għalhekk, l-EDPB mhuwiex konvint li l-oġġettivi segwiti mill-Kodiċi jaqgħu taħt din il-bażi legali. Jista' jkun il-każ li d-data personali tista' tiġi pproċessata għal interess vitali f'ċirkostanzi speċifiċi ħafna. Madankollu, dan ma jikkorrispondix jew ma jallinjax mal-fehim tal-EDPB tat-Taqsima 7.1 tal-ISDP, li hija ferm usa' fl-ambitu u tapplika għal eż. l-ipproċessar tad-data previst fl-Istandard Internazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riżultati (minn hawn 'il quddiem "ISRM"), fejn is-sejbiet mediċi għandhom jiġiħabbru lin-(N)ADO u lill-atleta.
14. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li tiġi riveduta t-Taqsima 7.1 tal-ISDP fl-intier tagħha, u b'mod ġenerali jekk l-użu ta' "interess vitali" jistax jintuża u jitqies bħala bażi legali valida fil-Kodiċi kollu. Soluzzjoni oħra hija li jiġi ristrett l-użu ta' interess vitali bħala bażi legali kif preskritt mill-Premessa 46 tal-GDPR (jiġifieri biss meta l-ipproċessar ma jkunx jista' jkun manifestament ibbażat fuq bażi legali oħra).**
15. **Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPB iqis li meta l-bażijiet legali ta' kunsens u interess vitali ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-GDPR, in-(N)ADOs għandhom jiddependu fuq bażijiet legali alternattivi, bħal dawk elenkati fit-Taqsima 7.1a tal-ISDP.**

4. Żgurar li d-data hija pproċessata għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi

16. L-EDPB isib li l-lista definita ta' attivitajiet kontra d-doping fit-Taqsimiet 3.1, 4.1 u 6.1 tal-ISDP tkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet mill-ittestjar sal-edukazzjoni bħala skopijiet għall-ipproċessar ta' data personali.
17. Fir-rigward tat-Taqsima 6.1 tal-ISDP li nbidlet fl-intier tagħha, ġie limitat l-ipproċessar ta' data personali għal skop wieħed (jiġifieri, il-ġlieda kontra d-doping), u ġie ddikjarat li tista'

tiġi pproċessata biss data personali “rilevanti” u “proporzjonata”. Il-kumment dwar din it-taqsimha jgħid li n-(N)ADOs iridu jeżaminaw il-Kodiċi u l-Istandards tiegħu biex jiddeterminaw liema data personali hija meħtieġa. Iżid ukoll li f’ħaġġa każijiet, id-data personali li għandha tinġabar min-(N)ADOs se tiġi identifikata mill-ISDP.

18. Sabiex jissaħħu l-miżuri tal-protezzjoni tad-data fl-ISDP, l-EDPB jirrakkomanda li jiġu inklużi b’mod espliċitu prinċipji addizzjonali: l-ewwel nett, biex in-(N)ADO tipproċessa d-data personali f’konformità ma’ skop speċifiku, espliċitu u leġittimu u t-tieni, biex jiżgura li d-data personali li għandha tiġi pproċessata tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ fir-rigward tal-iskop. **L-EDPB jirrakkomanda soluzzjoni għal dan ta’ hawn fuq billi jirrikjedi li n-(N)ADOs jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jiżguraw il-minimizzazzjoni tad-data.**

19. Għalkemm l-EDPB japprezza l-artikolazzjoni tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop imsemmi hawn fuq, huwa nnotat li t-Taqsimha 6.2 tal-ISDP tidher li twessa’ l-ambitu tal-attivitajiet ta’ pproċessar lil hinn minn dawk deskritti fil-Kodiċi għal, “involvement effettiv fil-ġlieda kontra d-doping”, li jista’ jkun problematiku biex jinżammu l-istandards tal-protezzjoni tad-data li huma fil-mira tal-Kodiċi. **L-EDPB jirrakkomanda li tiġi riveduta t-Taqsimha 6(2) tal-ISDP biex jiġu limitati l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar barra miċ-ċirkostanzi deskritti mill-Kodiċi biss għal dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb skop speċifiku, espliċitu u leġittimu. Barra minn hekk, l-EDPB jirrakkomanda li fit-Taqsimha 6.2 tal-ISDP ikun meħtieġ li jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-protezzjoni tad-data, kif ukoll l-implimentazzjoni ta’ miżuri ta’ mitigazzjoni bħala rekwiżiti stretti li għandhom jiġu ssodisfati qabel l-ipproċessar (jiġifieri “għandhom”, aktar milli “jistgħu”).**

20. Skont it-Taqsimha 6.3 tal-Kodiċi, il-kampjuni bijoloġiċi, id-data analitika u l-informazzjoni dwar il-kontroll tad-doping jistgħu jintużaw aktar għal skopijiet ta’ riċerka kontra d-doping kif ukoll għall-assigurazzjoni tal-kwalità, it-titjib tal-kwalità, it-titjib u l-iżvilupp tal-metodu jew biex jiġu stabbiliti popolazzjonijiet ta’ referenza. Madankollu, filwaqt li l-użu ulterjuri ta’ kampjuni għal skopijiet ta’ riċerka kontra d-doping jeħtieġ il-kunsens tal-atleta, dan mhuwiex preskritt għal użu ulterjuri ta’ data analitika tal-kampjuni u informazzjoni dwar il-kontroll tad-doping għall-assigurazzjoni tal-kwalità u għall-iskopijiet relatati l-oħra. Skont id-definizzjoni prevista mill-Kodiċi¹⁷, jidher li r-riċerka kontra d-doping tinkludi tipi differenti ta’ riċerki, inkluż “investigazzjoni xjentifika”. F’dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar li huwa biss l-ipproċessar ulterjuri għal skopijiet ta’ “riċerka xjentifika”¹⁸ li huwa preżunt kompatibbli mal-iskop inizjali tal-ġbir tad-data u fejn dak ikun il-każ - taħt ċerti kundizzjonijiet u dment li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni kkonċernati, kif meħtieġ mill-Artikolu 89(1) tal-GDPR – in-(N)ADOs jistgħu jiddependu fuq il-bażi legali tal-ipproċessar oriġinali¹⁹.

¹⁷ Ara t-Taqsimiet 19.1 u 19.2 tal-Kodiċi.

¹⁸ Fir-rigward tal-kunċett ta’ skopijiet ta’ riċerka xjentifika, l-EDPB sostna li “*“riċerka xjentifika” [...] tfisser proġett ta’ riċerka stabbilit f’konformità mal-istandards metodoloġiċi u etiċi rilevanti relatati mas-settur, f’konformità ma’ prattika tajba.*” Ara l-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, adottati fl-4 ta’ Mejju 2020, il-paragrafu 153.

¹⁹ Ara l-Opinjoni 3/2019 tal-EDPB dwar il-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet dwar l-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Provi Kliniċi (CTR, Clinical Trials Regulation) u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR, General Data Protection Regulation), adottata fit-23 ta’ Jannar 2019, il-paragrafu 31.

21. Għalhekk, l-EDPB jisħaq li d-data analitika jew kwalunkwe data personali oħra tista' tiġi pproċessata aktar għal riċerka (mhux xjentifika) kontra d-doping, għal assigurazzjoni tal-kwalità jew skopijiet kompatibbli relatati oħra²⁰ biss jekk tali pproċessar ulterjuri jkun ibbażat fuq bażi legali valida skont il-GDPR²¹. Barra minn hekk, peress li l-ipproċessar tad-data dwar is-saħħa se jkun prevalenti f'dan il-kuntest, in-(N)ADOs xorta jridu jivvalutaw liema eċċezzjoni għall-projbizzjoni li jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' data personali, skont l-Artikolu 9(2) tal-GDPR, tista' tkun applikabbli.
22. Għalkemm skont it-Taqsima 6.3 tal-Kodiċi, il-kampjuni, id-data analitika u l-informazzjoni dwar il-kontroll tad-doping jistgħu jintużaw aktar għal skopijiet ta' riċerka kontra d-doping kif ukoll għall-assigurazzjoni tal-kwalità u għal skopijiet oħra relatati, l-Artikolu 6.2 tal-Kodiċi jelenka firxa wiesgħa ta' skopijiet oħra li għalihom "għandhom jiġu analizzati" kampjuni, data analitika u informazzjoni dwar il-kontroll tad-doping, li wħud minnhom mhumex definiti sew. L-EDPB jirrakkomanda li dawn l-iskopijiet jiġu identifikati b'mod aktar preċiż, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw "it-tfassil ta' profil tad-DNA jew ġenomiku" kif ukoll dawk inklużi fl-espressjoni "kwalunkwe skop leġittimu ieħor kontra d-doping". Barra minn hekk, l-EDPB jisħaq li d-data ġenetika li tinsab f'kampjuni bijoloġiċi hija partikolarment sensittiva meta jitqies mhux biss ir-riskju inerenti ta' identifikazzjoni, tal-atleti li pprovdew il-kampjun, anke jekk l-identità tagħhom titneħħa, minħabba n-natura unika ta' ċerti profili ġenetiċi²², iżda wkoll meta jitqies li fihom informazzjoni, inkluż data dwar is-saħħa, dwar il-qraba bijoloġiċi tagħhom.
23. Barra minn hekk, it-Taqsima 6.3 tal-Kodiċi tispeċifika li l-kampjuni u d-data analitika relatata jew l-informazzjoni dwar il-kontroll tad-doping li għandhom jintużaw b'mod ulterjuri għandhom l-ewwel jiġu pproċessati b'mod li jipprevjeni li d-data tiġi traċċata lura għal atleta partikolari. Madankollu, dan ma jinvolvi li l-kampjuni u data personali oħra użati għal skopijiet ta' riċerka jew ta' assigurazzjoni tal-kwalità jridu jiġu psewdonimizzati b'mod effettiv jew isiru anonimi, kif jassumi d-dokument magħmul disponibbli mill-WADA, li jiġbor fil-qosor il-bidliet ewlenin fil-Kodiċi²³. Għall-kuntrarju, skont l-Istandard Internazzjonali għal-Laboratorji (minn hawn 'il quddiem "ISL"), huwa meħtieġ biss li jitneħħew jew jinbidlu b'mod irriversibbli l-identifikaturi diretti minn kampjuni u data analitika qabel l-użu ulterjuri tagħhom għall-finijiet imsemmija. Barra minn hekk, mhuwiex ċar jekk l-istess japplikax għal informazzjoni dwar il-kontroll ta' kontra d-doping, minħabba li ma jissema xejn mill-ISL²⁴. **L-EDPB jirrakkomanda li tiġi riveduta t-Taqsima 6.3 tal-Kodiċi li twassal biex l-użu mill-ġdid ta' kampjuni, data analitika jew data personali oħra (inkluż data dwar is-saħħa jew kategoriji oħra ta' data relatata mal-kontroll ta' kontra d-doping) għal skopijiet ta' riċerka (jew skopijiet kompatibbli oħra) irid ikun soġġett għall-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni**

²⁰ Skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR.

²¹ Il-premessa 50 tal-GDPR.

²² Kif issottolinjat mid-WP tal-Art. 29 fl-Opinjoni 05/2014 dwar it-Teknika ta' Anonimizzazzjoni, adottata fl-10 ta' April 2014, WP216: *"Diġà ntweraw fil-letteratura li l-kombinazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi disponibbli għall-pubbliku (eż. ir-reġistri ġenealoġiċi, l-obitwarju, ir-riżultati ta' tfittxija fil-magni tat-tiftix) u l-metadata dwar id-donaturi tad-DNA (il-ħin tad-donazzjoni, l-età, il-post tar-residenza) tista' tiżvela l-identità ta' ċerti individwi anki jekk dik id-DNA tkun ingħatat 'b'mod anonimu'".*

²³ Ibid.

²⁴ Ara l-Artikolu 5.3.8.2 tal-ISL.

kkonċernati sabiex, b'mod partikolari, jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data. Barra minn hekk, l-EDPB iħeġġeġ li jiġi speċifikat li dawk il-miżuri għandhom jinkludu psewdonimizzazzjoni jew anonimizzazzjoni dment li dawk l-iskopijiet ikunu jistgħu jiġu ssodisfati b'dawk il-modi²⁵.

24. Barra minn hekk, l-EDPB jilqa' l-introduzzjoni fil-Kodiċi tat-Taqsimiet 19.4 u 19.6 li rispettivament jippreskrivu l-konformità mal-istandards u l-prattiki etiċi u jipprevjenu li d-data personali tkun tista' tintuża aktar kontra l-persuna li pprovdiet il-kampjun.
25. Taħt it-Taqsima 4.3.2, l-Istandard Internazzjonali għall-Intelligence u l-Investigazzjonijiet (minn hawn 'il quddiem "ISII") isemmi li n-(N)ADOs għandhom jużaw informazzjoni mhux ipproċessata u/jew intelligence kontra d-doping biex jinformat u jiggwidaw l-attivitajiet tagħhom ta' kontra d-doping. L-EDPB iqis li d-definizzjonijiet ta' informazzjoni mhux ipproċessata u ta' intelligence kontra d-doping huma definiti b'mod wiesa' wisq. Meta titqies in-natura sensittiva ħafna ta' kwalunkwe investigazzjoni u spezzjoni dwar l-użu tad-doping, l-EDPB huwa tal-opinjoni li kwalunkwe pproċessar ta' data personali għall-finijiet koperti mill-ISII x'aktarx li jirriżulta f'riskji għoljin għall-individwi kkonċernati. Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li l-ISII jiġi emendat biex jillimita b'mod ċar l-ambitu tal-attivitajiet ta' pproċessar għal skopijiet ta' investigazzjoni u intelligence u l-informazzjoni li tista' tintuża fihom.
26. Minbarra dak li ntqal hawn fuq, l-EDPB jirrakkomanda li l-iskopijiet tal-ipproċessar tad-data għall-investigazzjoni għandhom jiġu speċifikati b'mod ċar. It-Taqsima 5.2 tal-ISII tħalli spazju wiesa' għal skopijiet oħra mhux speċifikati biex tiġi pproċessata d-data personali billi jintuża kliem bħal *"jinkludi, iżda mhux limitat għal"*. Kwalunkwe pproċessar ulterjuri ta' data personali għal skopijiet oħra għandu jkun permess biss soġġett għall-kundizzjonijiet biex tiġi stabbilita l-kompatibbiltà ta' skopijiet bħal dawk speċifikati skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR u f'konformità ma' bażi legali valida²⁶. Għaldaqstant, l-EDPB jirrakkomanda li l-ISII jiġi emendat u allinjat mat-Taqsima 6.2 tal-ISDP. Għandha ssir osservazzjoni simili fir-rigward tat-Taqsima 5.3.5 tal-ISII, fejn l-inkoraġġiment biex in-(N)ADOs "jagħmlu użu mir-riżorsi u s-setgħat investigattivi kollha disponibbli" jappartjeni għal data personali. Fil-fehma tal-EDPB dan għandu japplika biss sa fejn l-ipproċessar ikun meħtieġ, u biss għall-iskopijiet segwiti fl-ISII.

5. Rekwiżit ta' salvagwardji addizzjonali meta tiġi kondiviża Data Personali ma' partijiet terzi

27. Bis-saħħa tat-Taqsimiet 9.1 u 9.2, l-ISDP jimponi ċerti rekwiżiti għall-kondiviżjoni ta' data personali minn (N)ADOs ma' *"persuni"* oħra, li skont l-Istandard huma definiti bħala persuni fiżiċi, organizzazzjonijiet jew entitajiet oħra. L-EDPB iqis li din id-definizzjoni hija wiesgħa wisq u jirrakkomanda li tiġi speċifikata aktar. L-EDPB jirrakkomanda wkoll li f'dawn it-Taqsimiet jiġi speċifikat f'liema ċirkostanzi, għal liema skopijiet speċifiċi, u taħt liema kundizzjonijiet hija permessa l-kondiviżjoni ta' informazzjoni personali ma' "persuni" oħra.

²⁵ Ara l-Artikolu 6.4(e) u 89 tal-GDPR.

²⁶ Il-premessa 50 tal-GDPR.

28. Barra minn hekk, biex jissaħħaħ il-livell ta' protezzjoni tad-data personali, l-EDPB jirrakkomanda li l-ISDP jirrikjedi miżuri addizzjonali dwar il-kondiviżjoni ta' tali data biex jiġi żgurat li:

- ir-riċevituri ma jipproċessawx id-data personali barra mill-iskopijiet limitati speċifiċi, espliċiti u leġittimi ta' kontra d-doping li jiġġustifikaw il-kondiviżjoni u li jridu jiġu identifikati mill-Kodiċi. F'dan ir-rigward, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi ċċarat it-terminu "proċess legali obbligatorju" li huwa msemmi fit-Taqsima 9.1.c tal-ISDP bħala ċirkostanza possibbli li tippermetti dik il-kondiviżjoni;
- in-(N)ADOs jaqsmu biss id-data personali li hija adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ fir-rigward tal-iskopijiet li għalihom tali data jeħtieġ li tinqasam;
- id-data personali tinżamm mir-riċevituri għal mhux aktar milli jkun meħtieġ għall-iskopijiet li għalihom titqassam, u titħassar jew issir anonima (b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jkunx jew ma jibqax identifikabbli) meta tali data ma tibqax meħtieġa;
- ir-riċevituri li magħhom tinqasam id-data personali jkollhom fis-seħħ miżuri ta' sigurtà xierqa li jiżguraw l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data personali li jirċievu.

29. It-Taqsima 9.3 tal-ISDP tinkludi rekwiżiti biex jiġi żgurat li d-data personali tinqasam biss b'mod responsabbli ma' aġenti terzi inkluż l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzazzjonali. L-EDPB jirrakkomanda li jiġi inkorporat rekwiżit addizzjonali ma' din it-taqsima li jipprevedi li fejn u jekk l-attivitajiet ta' pproċessar tad-data jitwettqu minn aġenti terzi li jaġixxu bħala proċessuri tad-data f'isem in-(N)ADOs, dawn iridu jkunu bbażati fuq kuntratt jew fuq att legali f'konformità mal-Artikolu 28 tal-GDPR. Skont it-termini ta' dan il-kuntratt jew l-att legali, l-aġenti terzi jeħtiġilhom jaġixxu skont struzzjonijiet dokumentati²⁷ tan-(N)ADOs u jipprovdulhom assistenza sabiex ikunu jistgħu jiżguraw il-konformità mal-ISDP u l-GDPR, inkluż iżda mhux limitat li tiġi garantita s-sigurtà tad-data personali, jitwieġbu t-talbiet għall-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-data, kif ukoll l-obbligi relatati ma' ksur ta' data personali.

30. Meta dawn l-attivitajiet ta' pproċessar, imwettqa minn aġenti terzi, jinvolvu t-trasferiment internazzjonali ta' data personali, għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji ekwivalenti għal dawk previsti mill-Kapitolu V tal-GDPR²⁸.

31. Fir-rigward tat-trasferimenti magħmula minn (N)ADOs ibbażati fiż-ŻEE għall-bażi tad-data tal-ADAMS, il-Kummissjoni Ewropea ġeddet, f'Jannar 2024, l-istatus ta' adegwatezza tal-Kanada skont il-GDPR, u kkonfermat li l-livell ta' protezzjoni żgurat mill-PIPEDA huwa

²⁷ Jekk jogħġbok innota li r-referenza li saret għal "kontrolli kuntrattwali li jistgħu jinkludu, kif xieraq" fil-kummenti tat-Taqsima 9.3.b tal-ISDP mhijiex f'konformità mal-GDPR.

²⁸ Ara pereżempju f'dan ir-rigward il-klawżoli kuntrattwali standard skont il-GDPR maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea għat-trasferimenti ta' data minn kontrolluri jew proċessuri fl-UE/fiż-ŻEE lil kontrolluri jew proċessuri stabbiliti barra mill-UE/miż-ŻEE (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/914 tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

adegwat. Għalhekk, l-EDPB huwa tal-fehma li t-trasferimenti li jseħħu fuq din il-bażi jibqgħu jkunu validi. Madankollu, jekk it-trasferimenti kellhom isiru b'mod dirett bejn in-(N)ADOs u ma kinux koperti mid-deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kanada, dawk il-kategoriji ta' trasferimenti għandhom jiġu deskritti fil-Kodiċi u n-(N)ADO esportatur għandha tiżgura konformità mal-Kapitolu V tal-GDPR u l-gwida applikabbli tal-EDPB.²⁹

32. Fir-rigward tal-kondiviżjoni ta' intelligence kontra d-doping f'konformità mat-Taqsima 4.2 tal-ISII, tali obbligu li tiġi kondiviża d-data personali għandu jkun ibbażat fuq bażi legali xierqa f'konformità mal-Artikolu 6 tal-GDPR. Meta tali attività tinvolvi trasferiment internazzjonali ta' data personali, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi żgurat li r-regoli tal-GDPR stabbiliti fil-Kapitolu V tal-GDPR għandhom jiġu rrispettati, biex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi ggarantit minnu ma jiġix imminat³⁰. **Meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni tal-Istandards u l-element internazzjonali involut fl-attivitajiet tal-isport organizzat, l-EDPB jirrakkomanda ħafna li fl-ISII jiġu stabbiliti regoli speċifiċi u definiti b'mod ċar dwar l-investigazzjoni u l-ispezzjoni, inkluż għall-kondiviżjoni u t-trasferiment internazzjonali ta' data personali.**

6. Divulgazzjoni Pubblika ta' Ksur Kontra d-Doping

33. Fir-rigward tad-divulgazzjoni pubblika obligatorja tal-ksur tar-regoli kontra d-doping, l-EDPB l-ewwel jilqa' l-emendi proposti għat-Taqsima 14.3.2 tal-Kodiċi li jiċċaraw li d-divulgazzjoni pubblika obligatorja tikkonċerna biss deċiżjonijiet finali (rigward il-ksur tar-regoli kontra d-doping minn atleti professjonali jew persuni oħra li jwettqu l-ksur)³¹. Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ġeneriku previst mit-Taqsima 14.3.4 tal-Kodiċi, li jirrikjedu l-kunsens tal-atleta jew ta' persuna kkonċernata oħra għall-pubblikazzjoni, wara seduta ta' smigħ jew ta' appell, determinazzjonijiet li jistabbilixxu li ma jkunux wettqu ksur tar-regoli kontra d-doping, jew li ma jkollhom l-ebda tort jew negliġenza, l-EDPB itenni li l-kunsens biex tiġi pproċessata d-data personali jrid jissodisfa r-rekwiżiti tal-GDPR, b'mod partikolari li jingħata b'mod liberu.
34. Barra minn hekk, fir-rigward tad-dispożizzjoni li għadha kif ġiet introdotta li tinvolvi li (N)ADOs jistgħu jgħaddu mingħajr il-kunsens tal-atleta jew tal-persuna l-oħra, jekk l-identità tagħhom tkun diġà pubblika jew ikunu diġà ġew imposti xi konsegwenzi, l-EDPB jiddubita jekk din l-eċċezzjoni tqisx b'mod adegwat li l-pubblikazzjoni tista' tkun fl-interess tal-atleta jew tal-persuna l-oħra kkonċernata.
35. L-EDPB jilqa' t-Taqsima 14.3.7 tal-Kodiċi li tistabbilixxi li d-divulgazzjoni pubblika obligatorja ma għandhiex tkun meħtieġa meta l-atleta jew il-persuna l-oħra li tkun instabet li wettqet ksur tar-regoli kontra d-doping tkun minorenni, persuna protetta, jew

²⁹ Rakkomandazzjonijiet 01/2020 tal-EDPB dwar miżuri li jissupplimentaw għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni tad-data personali tal-UE, adottati fit-18 ta' Ġunju 2021; Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2020, *Facebook Ireland u Schrems*, C-311/18, ECLI:EU:C:2020:559 (Schrems II).

³⁰ II-Kapitolu V, l-Artikoli 44 – 50 tal-GDPR.

³¹ F'dan ir-rigward, hemm talba pendenti quddiem il-QĠUE għal deċiżjoni preliminari: NADA Austria u Oħrajn, *Kawża C-474/24*.

atleta rikreattiv u li kwalunkwe divulgazzjoni pubblika diskrezzjonali għandha tkun proporzjonata għall-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ fejn tali persuni jkunu involuti.

36. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn ir-raġunijiet li jiġġustifikaw ċertu grad ta' trasparenza fir-rigward tal-ksur tar-regoli kontra d-doping u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet u l-interessi fundamentali tal-persuna kkonċernata, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi speċifikat li l-elementi li għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward huma, fost l-oħrajn, is-severità tal-ksur tar-regoli kontra d-doping, l-għadd ta' ksur, jekk il-każ ikunx diġà rċieva attenzjoni mill-media, is-sitwazzjoni partikolari tas-suġġett tad-data kkonċernat, u jekk is-sanzjoni għandhiex konsegwenzi għar-riżultati tal-kompetizzjonijiet u l-klassifikazzjoni tal-atleti. L-istess kriterji għandhom jiġġwidaw id-deċiżjonijiet tan-(N)ADOs fil-każijiet li jifdal ta' divulgazzjoni pubblika diskrezzjonali rregolata mit-Taqsima 14.3.1 tal-Kodiċi.

7. Definizzjoni ta' perjodi speċifiċi ta' żamma, limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb kull Skop

37. L-EDPB jilqa' l-fatt li l-ISDP jinkwadra perjodi massimi ta' żamma għan-(N)ADOs. Skont il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin skont l-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR, iż-żamma tad-data trid tkun marbuta mill-qrib mal-iskop(ijiet) speċifiku/speċifiċi u leġittimu/leġittimi tal-ipproċessar. Madankollu, l-Anness A tal-ISDP ma jorbotx b'mod ċar il-perjodu ta' żamma definit għal kull sett ta' data ma' skop ta' pproċessar speċifiku, espliċitu u leġittimu. Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li l-Moduli elenkati fl-Anness A jindikaw l-iskop(ijiet) speċifiku/speċifiċi, espliċitu/espliċiti u leġittimu/leġittimi korrispondenti tal-ipproċessar għal kull sett ta' data kkonċernat.
38. Għall-kuntrarju tal-formulazzjoni tat-Taqsima 11.2 tal-ISDP, in-(N)ADOs għandhom dejjem jiddefinixxu perjodu ta' żamma għall-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li f'din it-taqsima titfassar il-formulazzjoni "fejn possibbli".**
39. L-EDPB jilqa' l-fatt li t-Taqsima 11.3 tal-ISDP tiżgura t-tħassir, il-qerda jew l-anonimizzazzjoni ta' data personali ladarba ma tibqax meħtieġa. Peress li d-data kkonċernata fil-qasam ta' kontra d-doping hija fil-biċċa l-kbira sensittiva, il-miżuri ta' mitigazzjoni jridu jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu. L-ispejgazzjoni tal-formulazzjoni tat-Taqsima 11.3, is-sentenza 3 tal-ISDP, teħtieġ raġunijiet aktar b'saħħithom biex tinżamm data sensittiva li għaliha ma jkun ġie stabbilit l-ebda żmien ta' żamma fl-Anness A tal-ISDP³², iżda dawk mhumieq definiti fit-taqsima nnifisha. **L-EDPB jirrakkomanda li jiġu stabbiliti b'mod ċar regoli, bażijiet legali u miżuri ta' mitigazzjoni biex tinżamm data sensittiva fejn ma jkun ġie stabbilit l-ebda żmien ta' żamma fl-Anness A tal-ISDP.**
40. L-EDPB jinnota li t-Taqsimiet 11.5 u 11.6 tal-ISDP jippermettu l-ħżin ta' data lil hinn mill-perjodi ta' żamma definiti. Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fit-Taqsima 11.5.c tal-ISDP jirreferu għal *"ksur tar-regoli kontra d-doping, investigazzjonijiet, jew proċedimenti legali oħra*

³² Ara t-Taqsima 11.2 tal-ISDP.

pendenti jew raġonevolment antiċipati". L-EDPB jinnota li t-terminu li jirreferi għal antiċipazzjoni raġonevoli tal-ksur tar-regoli kontra d-doping mhuwiex ċar u jirrakkomanda li dan it-terminu jiġi ċċarat. Dawn il-każijiet eċċezzjonali fit-Taqsima 11.5.a tal-ISDP jinkludu liġi applikabbli li tippermetti ħżin itwal mill-Anness A tal-ISDP. Fid-dawl tal-fehim li l-Kodiċi għandu jkun standard minimu komuni għall-ipproċessar ta' data personali għal skopijiet ta' kontra d-doping, ma għandha tiġi applikata l-ebda liġi oħra li tipprevedi ħżin itwal.

41. Skont l-Anness A tal-ISDP, il-perjodi ta' żamma definiti ma għandhomx jipprevjenu lin-(N)ADO milli żżomm rekords "*mingħajr Informazzjoni Personali*" għal perjodi itwal. **L-EDPB jirrakkomanda li jiġi indikat b'mod ċar li din id-dikjarazzjoni tirreferi għal data anonimizzata.** B'referenza għan-Nota Importanti III, l-EDPB jirrakkomanda li għat-tneħħija ta' data mhux kompluta għal skopijiet ta' kwalità tad-data biex jallinjaw mal-prinċipji tal-akkuratezza tad-data, u l-integrità skont l-Artikolu 5(1)(d), u (f) tal-GDPR, il-kelma "għandha" tiġi sostitwita b'"trid".
42. Bħala kumment ġenerali, l-EDPB iqis li l-perjodu ta' żamma ta' 10 snin huwa twil ħafna, meta jitqies li d-data personali tista' tinkludi ġeolokazzjonijiet u anke data ta' minorenni. L-EDPB jirrakkomanda li jingħata raġunament ulterjuri dwar il-perjodu massimu ta' żamma ġenerali ta' 10 snin li jibbilanċja b'mod xieraq l-interessi tas-suġġetti tad-data ma' dawk tan-(N)ADOs.
43. Id-data fil-Modulu 2 tinkludi indirizzi għal attivitajiet regolari, akkomodazzjonijiet għal lejl wieħed u informazzjoni ta' kuntatt tal-Atletiċi. Peress li din tista' tiġi kkwifikata bħala tfassil ta' profil, il-perjodu ta' żamma għandu jkun ħafna iqsar minn 10 snin. Iż-żamma ta' tali data għandha tkun limitata għal fejn id-data personali inkluża ma tkunx għadha rilevanti. Barra minn hekk, it-Taqsima 4.10.13.1 tal-IST ma għadhiex tirrikjedi li l-atletiċi jissottomettu l-"attivitajiet regolari" tagħhom, iżda minflok il-postijiet tat-taħriġ tagħhom u l-perjodi ta' żmien rilevanti biss. L-EDPB jilqa' din l-emenda iżda jirrakkomanda li l-bidla tiġi implimentata fl-Anness A tal-ISDP.
44. Il-Modulu 3 għal data ta' eżenzjonijiet mill-użu terapewtiku jinkludi data dwar is-saħħa. Filwaqt li l-perjodu ta' żamma ta' 12-il xahar wara l-iskadenza għal data medika addizzjonali jidher raġonevoli, iċ-ċertifikati tat-TUE u l-formoli ta' rifjut jinżammu għal 10 snin, peress li "*jistgħu jkunu rilevanti għall-ittestjar mill-ġdid jew investigazzjonijiet oħra*". Għall-formoli ta' rifjut b'mod partikolari, l-EDPB jissuġġerixxi li l-WADA tirrevedi l-perjodu ta' żamma f'konformità mal-iskop speċifikat u tillimitah għal dak li huwa strettament meħtieġ.
45. Fil-Modulu 7 tal-Anness A tal-ISDP, perjodu ta' żamma ta' 10 snin wara l-għeluq huwa definit għar-rekords tal-investigazzjoni. L-EDPB jiddubita l-proporzjonalità li jinżammu rekords bħal dawn għal 10 snin, speċjalment meta jitqies il-fatt li mhux kull investigazzjoni twassal għal sejba ta' ksur ta' regoli kontra d-doping. F'ċirkostanzi bħal dawn, terminu ta' żamma standard ta' 10 snin x'aktarx li jkun sproporzjonat.
46. Skont il-Modulu 8 fl-Anness A tal-ISDP, id-data dwar il-korsijiet u d-dati tal-edukazzjoni jinżammu "*sakemm jiġihassru r-rekords assoċjati l-oħra kollha*" jew il-persuna ma tibqax

attiva. Din id-definizzjoni ta' perjodu ta' żamma hija vaga wisq u għandha tiġi speċifikata f'aktar dettall. Dan biex jiġi żgurat ukoll li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jifhmu l-iskeda ta' żmien tal-ipproċessar tad-data.

47. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPB jirrakkomanda li jiġu riveduti l-perjodi ta' żamma, b'mod partikolari meta titqies in-neċessità ta' kull element ta' data fir-rigward tal-iskop li jiġġustifika kull operazzjoni ta' pproċessar.

8. Għoti ta' aktar direzzjonijiet biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn mill-organizzazzjonijiet

48. L-EDPB jilqa' l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' privatezza mid-disinn għall-ISDP u japprezza li jsemmi b'mod espliċitu l-kontrolli addizzjonali tas-sigurtà u l-miżuri ta' minimizzazzjoni tad-data bħala eżempji. Madankollu, l-elementi elenkati fit-Taqsima 5.1 tal-ISDP ma jkoprox bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-Artikolu 25(1) tal-GDPR. Il-kunċett ta' privatezza mid-disinn kif previst skont il-GDPR, jirrikjedi li n-(N)ADOs, li jaġixxu bħala kontrolluri, jinkorporaw miżuri ta' protezzjoni tad-data fid-disinn tas-sistemi u l-proċessi tagħhom. L-EDPB jinnota li l-ISDP ma jinkludix rekwiżiti biex jiġi implimentat dan il-kunċett. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li fl-ISDP jiġu inklużi rekwiżiti speċifiċi għan-(N)ADOs biex jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jiġi appoġġat il-kunċett ta' privatezza mid-disinn. Din ir-rakkomandazzjoni tista' tapplika wkoll għal attivitajiet ta' pproċessar tad-data deskritti fi Standards oħra, bħall-kondiviżjoni tar-riżultati tal-laboratorju permezz tal-ADAMS kif deskritt fl-ISM.**

9. Ipproċessar ta' Kategoriji Speċjali ta' Data Personali

49. L-EDPB jinnota li l-iproċessar ta' data personali previst mill-Kodiċi u mill-ISDP jinvolvi pproċessar sinifikanti ta' dik li tissejjaħ "*informazzjoni personali sensittiva*". L-EDPB jinnota li d-definizzjoni ta' informazzjoni personali sensittiva fl-ISDP hija kemxejn simili għal dik ta' kategoriji speċjali ta' data personali skont l-Artikolu 9 tal-GDPR. L-EDPB jirrakkomanda li d-definizzjoni ta' data personali sensittiva tiġi emendata biex tikkorrispondi għall-Artikolu 9 tal-GDPR. L-EDPB itenni wkoll li l-iproċessar ta' data personali relatata ma' kundanni u reati kriminali għandu jitwettaq biss taħt kundizzjonijiet stretti bħal dawk meħtieġa mill-Artikolu 10 tal-GDPR.
50. L-EDPB jilqa' r-rekwiżit fit-Taqsima 5.3 tal-ISDP li informazzjoni personali sensittiva trid tiġi pproċessata f'konformità ma' salvagwardji jew proċeduri speċifiċi skont il-liġijiet applikabbli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota li l-iproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali huwa ġeneralment ipprojbit skont il-GDPR, sakemm ma tapplikax waħda mid-derogi skont l-Artikolu 9(2) tal-GDPR³³.
51. Madankollu, l-EDPB jinnota li l-formulazzjoni tat-Taqsima 5.3 tal-ISDP hija pjuttost ġenerali, hekk kif tiddikjara li informazzjoni sensittiva trid tiġi pproċessata f'konformità ma' "*kwalunkwe salvagwardja jew proċedura speċifika*" fl-ISDP u fil-liġi applikabbli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data mingħajr ma jiġi definit liema salvagwardji preċiżi

³³ Ara t-Taqsima 4 ta' hawn fuq.

jridu jiġu stabbiliti. Ir-restrizzjonijiet addizzjonali msemmija mhumuex dettaljati fl-ISDP, u t-Taqsimiet 10.3 jew 11.3, pereżempju, ma jidhrux li jispeċifikaw salvagwardji ulterjuri biex jiżguraw is-sigurtà u ż-żamma limitata ta' tali data.

It-Taqsima 7.3 tal-ISDP tispeċifika li meta tiġi pproċessata informazzjoni personali sensittiva abbażi tal-kunsens, għandu jinkiseb il-kunsens espliċitu tal-individwu kkonċernat. Filwaqt li jinnota li l-kunsens espliċitu f'dan il-kuntest jallinja mal-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR, l-EDPB itenni t-tħassib tiegħu li l-kunsens jista' ma jirrappreżentax bażi legali xierqa biex tiġi pproċessata d-data personali (inkluż kategoriji speċjali ta' data personali) skont il-Kodiċi u l-ISDP³⁴.

52. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li l-ISDP jiġi emendat b'referenza għan-natura sensittiva tal-ipproċessar tad-data previst, u li jispeċifika liema tipi ta' salvagwardji jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni ta' kategoriji speċjali ta' data personali f'konformità mal-Artikoli 9(2), 25(1) u 32 tal-GDPR.**

10. Kjarifika tar-rwol tal-Persuna maħtura bħala responsabbli għall-konformità mal-liġijiet applikabbli kollha dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data

53. L-EDPB jinnota r-rekwiżit fit-Taqsima 4.4 tal-ISDP li *“Organizzazzjonijiet Kontra d-Doping għandhom jaħtru Persuna li tkun responsabbli għall-konformità ma' dan l-Istandard Internazzjonali u l-liġijiet applikabbli kollha dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Huma għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ta' kuntatt tal-Persuna maħtura b'dan il-mod tkun faċilment disponibbli għall-individwi f'konformità mal-Artikolu 8.”*
54. Filwaqt li l-EDPB jilqa' l-inklużjoni ta' rekwiżit għall-ħatra ta' persuna responsabbli għall-konformità mal-protezzjoni tad-data fi ħdan in-(N)ADOs, mhuwiex ċar sa liema punt ir-rwol tal-persuna prevista skont it-Taqsima 4.4 tal-ISDP jallinja ma' dak tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data (“UPD”) skont l-Artikoli 38-39 tal-GDPR.
55. It-Taqsima 4.4 tal-ISDP tiddikjara li l-persuna maħtura għandha tkun *“responsabbli għall-konformità ma' [...] l-liġijiet applikabbli kollha dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data”*. Madankollu, il-prinċipju ta' responsabbiltà skont l-Artikolu 5(2) tal-GDPR, jagħmilha ċara li l-kontrollur (f'dan il-każ in-(N)ADO nnifisha) għandu jkun responsabbli għall-konformità u jkun kapaċi juriha. L-UPD maħtura f'konformità mal-GDPR għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwettqu d-dmirijiet u l-kompiti tagħhom b'mod indipendenti, u mingħajr ebda struzzjoni mill-kontrollur rigward l-eżerċizzju ta' dawk il-kompiti. F'dan ir-rigward, l-UPD ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-konformità mal-GDPR bl-istess mod bħall-kontrolluri, kif tista' tinżamm il-persuna maħtura skont it-Taqsima 4.4 tal-ISDP. Fl-aħħar nett, l-EDPB jinnota li t-Taqsima 4.4 mhijiex ċara dwar lejn min għandha tkun responsabbli l-persuna maħtura.

³⁴ Ara t-Taqsima 3 ta' hawn fuq.

56. L-EDPB jinnota, u jilqa', li r-rekwiżit skont it-Taqsima 4.4 tal-ISDP li l-informazzjoni ta' kuntatt tal-persuna maħtura ssir disponibbli għall-individwi jallinja ma' dak tal-Artikolu 37(7) tal-GDPR, dwar il-pubblikazzjoni tad-dettalji ta' kuntatt tal-UPD.
57. Minkejja t-Taqsima 4.4 tal-ISDP, in-(N)ADOs soġġetti għall-GDPR iridu jkunu konxji mill-obbligu tagħhom li jiddeterminaw jekk il-ħatra ta' UPD hijiex obligatorja skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 38(1) tal-GDPR. Filwaqt li dan tal-aħħar jordna l-ħatra ta' UPD f'ċirkostanzi speċifiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, in-(N)ADOs li mhumix soġġetti għall-GDPR jistgħu jkunu jixtiequ jaħtru persuna ekwivalenti biex jiżguraw l-aderenza mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti tal-ISDP applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Din il-persuna/tim responsabbli għandu jkollhom biżżejjed awtorità, riżorsi, u għarfien espert biex jissorveljaw b'mod effettiv il-prattiki tal-privatezza, jimmaniġġjaw ir-riskji tal-protezzjoni tad-data, u jservu bħala punt primarju ta' kuntatt għal kwistjonijiet relatati mal-privatezza. Ir-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu l-monitoraġġ tal-konformità, l-immaniġġjar ta' programmi ta' privatezza, it-twetliq ta' valutazzjonijiet, u l-koordinazzjoni ma' partijiet ikkonċernati u awtoritajiet superviżorji rilevanti fejn applikabbli.
58. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi ċċarat jekk ir-rwol tal-persuna maħtura skont it-Taqsima 4.4 tal-ISDP huwiex maħsub li jkun ekwivalenti għal dak tal-UPD skont il-GDPR, u jekk iva, li jiġu allinjati r-rwoli f'termini tal-ħatra, il-pożizzjoni, u l-kompiti tagħhom. Mingħajr tali kjarifika, l-EDPB iqis li t-Taqsima 4.4 tista' twassal għal riskju li n-(N)ADOs soġġetti għall-GDPR ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom bħala kontrolluri tad-data skont l-Artikoli 37-39 tal-GDPR.**

11. Żgurar tal-effettività tad-Drittijiet tas-Suġġett tad-Data

59. L-EDPB jilqa' d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 8 tal-ISDP relatati mal-ġhoti ta' informazzjoni lil individwi. L-EDPB jirrakkomanda li l-ambitu tal-informazzjoni li għandha tingħata għandu jinkludi b'mod speċifiku referenza għall-ġbir ta' informazzjoni mhux ipproċessata u intelligence kontra d-doping kif stabbilit fl-ISII.
60. L-EDPB jilqa' d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 12 tal-ISDP li permezz tagħhom l-individwi għandhom id-dritt li jiksibu mingħand in-(N)ADOs aċċess għad-data personali tagħhom u informazzjoni dwar kif tiġi pproċessata, u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti li n-(N)ADOs iridu jseguw sabiex jippermettu l-eżerċizzju ta' tali drittijiet tal-protezzjoni tad-data. Madankollu, l-EDPB jinnota wkoll li r-rekwiżiti sostantivi skont it-Taqsimiet 12.1.c, 12.2, 12.3 u 12.4 tal-ISDP huma inkonsistenti mad-drittijiet tas-suġġett tad-data skont il-GDPR.
61. B'mod partikolari, l-ISSPI fit-Taqsima 12.1.c tiegħu jipprovdi eċċezzjoni għad-dritt li tinkiseb kopja tad-data personali meta din *"tkun f'kunflitt ċar mal-integrità tas-sistema kontra d-doping jew mal-kapaċità ta' Organizzazzjoni Kontra d-Doping li tippjana jew twettaq Ittestjar Mingħajr Ebda Avviż bil-Quddiem jew li tinvestiga u tistabbilixxi ksur tar-regoli kontra d-doping jew talbiet legali oħra."* Kif enfasizzat fil-korrispondenza preċedenti

tiegħu³⁵, l-EDPB iqis li d-deroga hija fformulata f'termini partikolarment vagi u, mal-ewwel daqqa t'għajn, ma tidhirx li hija f'konformità mal-GDPR.

62. Barra minn hekk, it-Taqsima 12.2 tal-ISDP tiddikjara li n-(N)ADOs iridu jwieġbu għal talba għal aċċess minn suġġett tad-data, ħlief jekk dan jimponi piż sproporzjonat fuq in-(N)ADOs. Skont it-Taqsima 12.3, huwa stabbilit li meta n-(N)ADOs jirrifjutaw li jagħtu lill-individwi aċċess għad-data personali tagħhom, l-individwu jeħtieġu jiġi informat dwar ir-raġunijiet għaliex ġiet irrifjutata t-talba *"hekk kif ikun prattikabbli"*. L-EDPB jinnota approċċ simili għat-Taqsima 12.4 tal-ISDP fejn id-data personali tista' ma tiġix rettifkata u emendata jekk jirriżulta li dan ikun impossibbli jew jinvolvi sforz sproporzjonat. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, peress li l-interessi kemm tal-individwi kif ukoll dawk tan-(N)ADOs ma jidhrux li huma bbilanċjati b'mod xieraq, l-EDPB jddubita jekk id-drittijiet tal-individwi fir-rigward tad-data personali tagħhom humiex garantiti b'mod effettiv mill-ISDP.
63. F'dan ir-rigward, l-EDPB itenni li kwalunkwe restrizzjoni għad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data hija permessa biss jekk tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 tal-GDPR li jawtorizza lill-Istati Membri jadottaw miżuri leġiżlattivi li għandhom l-għan li jirrestrinġu l-ambitu ta' tali drittijiet sa fejn din ir-restrizzjoni tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi u tkun miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika.
64. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li tiġi riveduta t-Taqsima 12 tal-ISDP biex tirrifletti l-Artikoli 12-15 tal-GDPR u kwalunkwe Linja Gwida rispettiva tal-EDPB kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 tal-GDPR fir-rigward ta' kwalunkwe restrizzjoni possibbli għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data.**
65. **Fl-aħħar nett, l-EDPB jiddikjara mill-ġdid li l-Kodiċi għandu jkun fih dritt ta' rimedju u dritt ta' kumpens għad-dannu mġarrab mill-individwi b'riżultat ta' operazzjoni ta' pproċessar inkompatibbli mal-ISDP³⁶.**

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Anu Talus)

³⁵ Ittra mibgħuta mill-President tal-EDPB lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE fid-9 ta' Ottubru 2019 (Ref: OUT2019–0035), il-paġna 8.

³⁶ *Ibid.*